MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2012

Avviz Numru. 419/2009

**Three Eight Nine Ltd.**

**Vs**

**Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv Kunsill Lokali Naxxar**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat mis-socjetà attrici fit-2 ta' Novembru 2009 permezz ta' liema titlob li s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar (iktar 'l quddiem imsejha l-Kunsill konvenut) jigu ikkundannati jhallsuha s-somma ta' erbat elef hames mija sitta u tmenin Euro (€4,586.00) rapprezentanti l-valur ta' tqeghid ta' *rubber shock pad* gewwa n-Naxxar *playing field* ordnat mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar, bl-ispejjez kontra is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali konvenut;

Rat ir-Risposta tal-Kunsill konvenut permezz ta' liema jeccepixxi li t-talba tas-socjetà attrici ghandha tigi

michuda, bl-ispejjez kontra taghha, ghaliex: (i) ix-xoghol esegwit mis-socjetà attrici fit-tqeghid ta' *rubber mat* gewwa l-*playing field* Toni Vella, Labour Avenue, Naxxar, ma twahhalx sew u m'huwiex adattat ghal post fejn gie installat u dan ghax mhux maghmul mis-socjetà attrici skond is-sengha u l-arti; u (ii) il-materjal uzat kien difettuz minhabba *thermal behaviour* fin-natura tal-materjal, u dan kif jidher mir-rapport imhejji mill-Perit Pierre Poulton fil-21 ta' April 2007, kopja annessa mar-Risposta u markata Dok. "A";

Rat ir-rapport tal-Perit Pierre Poulton datat 21 ta' April 2007, anness bhala Dok. "A" mar-Risposta tal-Kunsill konvenut;

Rat l-affidavit ta' Paul Gatt, Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar, a fol. 15 sa' 16 tal-process, u semghet ix-xhieda tieghu in kontro-ezami waqt is-seduta tas-16 ta' Frar 2010[1], semghet ix-xhieda tal-Perit Pierre Poulton moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Gunju 2010[2] u rat id-dokument Dok. "PP1" minnu ipprezentat a fol. 21 u 22 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Joseph Borg moghtija waqt is-seduta tat-18 ta' Ottubru 2010[3] u x-xhieda ta' Etienne Borg moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Novembru 2010[4];

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni da parte tad-difensuri tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Il-meritu ta' dawn il-proceduri jittratta dwar *rubber shock pad* provdut u installat mis-socjetà attrici fil-*playing field* "Toni Vella" f'Labour Avenue, Naxxar, fuq inkarigu tal-Kunsill konvenut. Paul Gatt, is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill konvenut, spiega li *waqt laqgha tal-Kunsill is-Sindku Maria Deguara resqet proposta sabiex jigi installat*

[1] Fol. 17 sa' 19 tal-process.
[2] Fol. 23 sa' 28 tal-process.
[3] Fol. 30 sa' 32 tal-process.
[4] Fol. 34 sa' 35 tal-process.

*rubber mat fil-playing filed "Toni Vella", Labour Avenue, Naxxar. Hi kienet suggeriet li dan ir-rubber mat ghandu jkun ohxon bizzejjed sabiex ikun jista' jghatti l-konkrit li kien hemm fuq l-art tal-bandli. Dan is-suggeriment intlaqa' mill-Kunsill u gie deciz li l-Kunsill ghandu jakkwista dan ir-rubber mat. Il-Kunsill ghamel ricerka ghal kumpanniji li setghu jipprovdulna dan it-tip ta' materjal, u fil-fatt sar kuntatt mas-socjetà Three Eight Nine Limited li sewwa sew tipprovdi servizzi ta' Roofing u Sports Systems, u li kienu qed joffrulna materjal li qalu li seta' jservi ghall-iskopijiet li ried il-Kunsill Lokali. Fil-fatt, fit-30 ta' Jannar 2008 Three Eight Nine Limited baghtet quotation ghall-provvista u l-installazzjioni ta' dan il-materjal "Regupol 7619" ossia r-rubber mat, li ghandu hxuna ta' 10mm. Bghatet ukoll kampjun tal-materjal b'daqs ta' ghaxar (10) centimetri b'disa' (9) centimetri. Kont irrispondejt ghal din il-quotation permezz ta' e-mail fis-7 ta' Frar 2008, fejn elenkajt xi mistoqsijiet rigward il-materjal u l-garanzija li kienu qed joffrulna… Irrisponda Etienne Borg ghal 389 Ltd. fejn qal li huwa kien spjega lill-Ministru Deguara illi l-materjal kien fil-fatt second hand, imma tant f'kundizzjoni tajba li setghu joffru garanzija ta' sentejn fuqu. Il-garanzija ma tkoprix atti ta' vandalismu. Billi l-mat kien gjà wzat, is-socjetà tatna skont ta' nofs il-prezz fuq il-prezz normali. Barra minn hekk, staqsejtu wkoll jispecifikali jekk il-materjal kienx xieraq ghall-post fejn kien ser jigi nstallat jigifieri, fuq playing field. Huwa qal "it is foot trafficable with all type of shoes". L-ahhar punt li qajjimt fl-email tieghi kienet illi d-data sheet li kien bghatli tghid illi jekk il-mat tinsab difettuza, inkunu nistghu nsaqsu ghas-sostituzzjoni tal-materjal jew t-tiswija tieghu fejn hemm id-difett. Il-frazi kienet tkompli tghid illi l-kumpannija kellha l-opzjoni tohrog credit note jekk ikun il-kaz. Hawnhekk enfasizzajt illi l-Kunsill ma kienx interessat illi tinhariglu credit note f'kaz li l-materjal jinsab difettuz, izda illi huwa jkun provdut b'dak li jkollu bzonn, jigifieri dan ir-rubber mat sabiex jghatti l-konkrit u b'hekk ma jinqalax il-bzonn li l-footpaths ikunu mibnija mill-gdid. Ghal dan il-punt, is-socjetà rrispondiet hekk: "No credit. If it's defective, we will remedy with same material". Konsegwentement, il-Kunsill ftiehem ma' Three Eight Nine Limited sabiex il-materjal ikun installat fil-*

*playing field ghall-prezz ta' EUR4,586. Is-socjetà 389 Ltd. installat il-materjal f'Marzu 2008*[5].

Ghal dan ix-xoghol is-socjetà attrici baqghet ma thallsitx u fil-fatt bil-proceduri odjerni titlob li l-Kunsill konvenut, kif rapprezentat mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv, jigi kkundannat ihallasha din is-somma ta' €4,586 rapprezentanti appuntu hlas ghall-provvista u tqeghid tar-*rubber shock pad* fil-*playing field* tan-Naxxar fuq inkarigu tieghu. Il-Kunsill konvenut jiggustifika l-fatt li baqa' ma hallasx lis-socjetà attrici ghar-*rubber shock pad* provdut u installat fil-*playing field* tan-Naxxar in bazi ghall-kontestazzjoni li l-materjal provdut kien difettuz minhabba *thermal behaviour* fin-natura tieghu, u dan kif jidher mir-rapport imhejji mill-Perit Pierre Poulton fil-21 ta' April 2007, u li x-xoghol ta' tqeghid tar-*rubber shock pad* ma sarx skond is-sengha u l-arti b'dana li l-istess ma twahhalx sew u ma huwiex adattat ghal post fejn gie installat.

Fir-rapport tal-21 ta' April 2007, il-Perit Poulton, perit tal-Kunsill konvenut u minnu inkarigat biex jissorvelja x-xoghlijiet esegwiti mis-socjetà attrici, ikkonstata li *although 389 Ltd. have guaranteed the material for a period of two years, a concern is being foreseen regarding the long term thermal behaviour of the material. This concern was instigated by the fact that during the preparation works prior to the installation of the material, measurements were taken and the material was cut to fit specified areas. The material was placed on site and eventually glued two days later. Since the time this material was laid in March, it was observed two days later that the joints between the strips had developed a wide gap. Usually when such gaps develop these would be due to thermal behaviour of the material. Before I would be capable of advising the Local Council whether this material is capable of serving its intended use, some regular observations have to be conducted by the undersigned under various thermal situations*[6].

---

5 Affidavit ta' Paul Gatt a fol. 15 u 16 tal-process.
6 Dok. "A" a fol. 10 tal-process.

F'e-mail datata 16 ta' Gunju 2008, indirizzata fost ohrajn lil Paul Gatt, Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill konvenut, il-Perit Poulton osserva li *further to my last inspection, I have been in contact with Mr. Borg and clearly pointed out that a number of joints have not been glued as agreed. These joints were located in areas where the rubber mats were installed pressed against each other. Contrarily to what happened in the colder days, the rubber mats had expanded creating a lifted joint. I requested Mr. Borg to glue these joints properly to avoid this movement. … Added to this, I had previously notified the council that in order to properly assess the performance of the material; the material should undergo seasonal variations. Through a period of 2-3 months the thermal expansion and contraction that the material has undergone with the variation in temperature is already evident*[7].

Fix-xhieda li ta quddiem il-Qorti, il-Perit Poulton iddikjara li *l-materjal* [provdut mis-socjetà attrici] *kien twahhal però wara ftit tal-granet meta beda jishon it-temp jiena rajt li dan beda jitqammar, fis-sens li bdew jirkbu t-tiles fuq xulxin u dana kien ghar-raguni li l-gonot saru vicini wisq. Jiena fil-fatt kelli suspett li dan il-materjal ma kienx se jkun tajjeb ghall-iskop li ridnieh partikolarment fit-tibdil tat-temperaturi, jigifieri meta jishon it-temp u meta jiksah it-temp. Dana ghar-raguni li l-materjal kien irqieq u l-folji kienu twal u kien ser ikollu problema ta' thermal expansion. Jiena kont tajt suggeriment ta' x'seta' jsir biex nippruvaw nillimitaw dawn il-problemi. Qabel ma stajt naghti l-pariri tieghi dwar xoghol seta' jsir biex nillimitaw il-problemi, jiena bilfors kelli nhalli ftit taz-zmien ighaddi biex nara dan il-materjal kif kien se jirreagixxi f'seasonal variations, jigifieri mbaghad meta t-temp jiksah. Fil-fatt meta t-temp beda jiksah innutajt li kien hemm postijiet fejn il-materjal ixxrinkja u allura s-suspett tieghi li dan kien se jkun suxxettibli ghal thermal expansion kien korrett. Jiena ghalhekk kont tajt parir lill-kuntrattur biex jaghmel filler bejn il-gonot u anke biex il-materjal jitwahhal bil-kolla ma' l-art halli ma jkunx jista' jiccaqlaq. … Irrid nghid illi personalment qatt ma kont kuntent bil-materjal illi kien se*

[7] Dok. "PP1" a fol. 21 tal-process.

*jintuza f'dan il-gnien ghaliex kelli s-suspetti tieghi li ma kienx se jkun adegwat ghall-iskopijiet illi kien intiz ghalih. Madanakollu jiena ma stajtx niehu decizjoni fir-rigward ta' dan il-materjal ghax dan huwa kompitu tal-Kunsill. … Meta kien qed jintghazel il-materjal li kellu jitqieghed fl-art ta' dan il-gnien jiena kont rajt sample tal-materjal li kienet bihsiebha tuza s-socjetà attrici. Jiena mal-ewwel kont urejt certa riservi fir-rigward ta' dan il-materjal u kont ghidt b'dan lis-Sindku tan-Naxxar. Madanakollu d-decizjoni ma kenitx tieghi x'materjal jintuza u ma jintuzax u kien ultimately il-Kunsill li jaghzel li jadotta dan il-materjali[8].*

Jigi osservat illi ghalkemm fir-rapporti u xhieda tieghu l-Perit Poulton ripetutament jaghmel referenza ghat-*thermal behaviour* tal-materjal provdut mis-socjetà attrici, ossia li bhala materjal dan jespandi fis-shana u jerga' jinxtorob fil-kesha, u b'hekk hu personalment ma dehrlux li dan il-materjal kien l-iktar adattat ghall-iskop li riedu l-Kunsill konvenut, fl-ebda mument ma jghid li dan l-istess materjal huwa difettuz. Jirrizulta li hija karatteristika tal-materjal stess illi jespandi fis-shana u jerga' jinxtorob fil-kesha, u dana kif rikonoxxut anke mir-rapprezentanti tas-socjetà attrici Joseph Borg[9] u Etienne Borg[10], u ghaldaqstant din il-karatteristika ma tistax titqies li hija difett fil-materjal. Madanakollu però, din l-istess karatteristika certament tirrikjedi li l-kuntrattur inkarigat mit-tqeghid tal-materjal, fil-kaz in ezami s-socjetà attrici, joqghod ferm attent kif iqieghed l-istess biex jevita l-problemi li tali *thermal behaviour* jista' johloq.

Mix-xhieda tal-Perit Pierre Poulton jirrizulta wkoll b'mod car li hu kien avza lis-Sindku tal-Kunsill konvenut li l-materjal, ossia r-*rubber shock pad*, in kwistjoni ma kienx se jkun adattat ghall-iskop li rieduh minhabba t-*thermal behaviour* tieghu, izda ciò nonostante l-Kunsill, anke minhabba kwistjonijiet ta' spejjez[11], ghazel li jipprocedi bl-

---

[8] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Gunju 2010, fol. 23 sa' 27 tal-process.
[9] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-18 ta' Ottubru 2010, fol. 30 sa' 32 tal-process.
[10] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Novembru 2010, fol. 34 sa' 35 tal-process.
[11] Vide xhieda moghtija mill-Perit Pierre Poulton waqt is-seduta tal-15 ta' Gunju 2010, a fol. 27 tal-process.

akkwist u konsegwenti installazzjoni ta’ dan ir-*rubber shock pad*. F’dan il-kuntest ghalhekk, ghaliex wara t-tqeghid il-materjal provdut u installat mis-socjetà attrici immanifesta l-problemi previsti mill-Perit Poulton u li dwarhom il-Kunsill konvenut kien avzat, l-istess Kunsill issa ma jistax jippretendi li jargumenta b’success li l-materjal provdut mis-socjetà konvenuta huwa difettuz.

Minn dan isegwi ghalhekk illi kull sottomissjoni avvanzata mill-Kunsill konvenut dwar il-garanzija moghtija mis-socjetà attrici dwar dan il-materjal hija ghal kollox insostenibbli ghaliex, jigi ribadit, dan il-materjal ma huwiex difettuz. In verità il-problemi jew ahjar difetti riskontrati fir-*rubber shock pad* ma humiex rizultat ta’ materjal difettuz izda iktar rizultat ta’ tqeghid ta’ l-istess *rubber shock pad* li ma sarx skond is-sengha u l-arti. Ghalkemm certa kwistjonijiet gew solvuti, jidher li l-problema principali ta’ l-*overlapping* tal-materjal ma gietx risolta kompletament u a sodisfazzjon tal-Kunsill konvenut.

Il-Perit Poulton xehed illi kif sahan it-temp partijiet mir-*rubber shock pad* bdew jitqammru, *fis-sens li bdew jirkbu fuq xulxin u dana kien ghar-raguni li l-gonot saru vicini wisq*[12]. Is-socjetà attrici tirrikonoxxi li hemm *overlapping* tal-materjal izda, tikkontendi li dan sehh mhux ghax it-tqeghid tal-materjal da parte taghha ma sarx skond is-sengha u l-arti imma ghaliex fuq insistenza tal-Kunsill konvenut u kontra il-parir tekniku taghha, il-materjal gie inkullat ma’ l-art u l-gonot ta’ bejn il-partijiet installati gew mimlija bis-*sealer*.

Waqt is-seduta tat-18 ta’ Ottubru 2010, Joseph Borg, Direttur tas-socjetà attrici, xehed illi *it-tapit in kwistjoni jintuza biex min jaqa’ fil-playing field ma jweggax. Il-materjal li ahna konna ser nipprovdu lill-Kunsill kien tajjeb ghal dan l-iskop peress li kellu hxuna bizzejjed. Kif gja ghedt dan it-tapit ikun qieghed f’rolls, dawn jigu unrolled u semplicement jitqieghdu ma’ l-art ghaliex bit-toqol tieghu stess m’hemmx ghalfejn jitwahhal. Kull ma jitwahhlu huma t-trufijiet biss. Il-Kunsill xtaq li dan jitwahhal fl-intier tieghu*

[12] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-15 ta’ Gunju 2010, fol. 23 sa’ 27 tal-process.

*però ahna spjegajnilu li minhabba l-kwistjoni t'expansion tal-materjal dan ma setax isir u allura dan gie accettat li x-xoghol isir hekk. Matul ix-xoghlijiet fit-tqeghid ahna hallejna gonot bejn parti u ohra ta' dan it-tapit ta' 6 millimetres kif tirrikjedi s-sengha biex ikun hemm spazju bizzejjed biex issir l-expansion ta' l-istess materjal. Matul ix-xoghlijiet il-Kunsill gibdilna l-attenzjoni fir-rigward ta' partijiet vicin tal-hajt ghaliex ma kienux mghottijin sew. Fir-rigward tal-kwistjoni tat-tapit kif jasal mal-hitan irrid nghid li dawn kienu xi kantunieri li ma sarux sew izda mbaghad dawn ahna rrangajnihom allura ma kienx hemm problemi. Il-Kunsill però baqa' jinsisti li l-gonot ta' six millimetres li kien hemm bejn it-twapet jigu sealed. Ahna domna nghidulhom li dan ma setax isir ghax ma kienx ser ikun tajjeb minhabba l-expansion ta' l-istess tapit izda l-Kunsill baqa' jinsisti u allura ahna mbaghad fl-ahhar dawn il-gonot imlejnihom b'rubberized sealer. Ghalkemm huwa rubberised sealer xorta ma jaghtix spazju bizzejjed lit-tapit fejn jespandi u fil-fatt diversi xhur wara meta din il-playing field giet inawgurata ircevejna telefonata minghand il-Kunsill fejn infurmawna li kien hemm xi overlapping. Meta kellmu lili, jiena ma' l-ewwel ghedtilhom li r-raguni ta' l-overlapping kienet proprju ghaliex il-gonot gew issiljati. Jiena kont ghedtilhom li jekk permezz ta' e-mail jikkonfermawli li kienu ser ihallsu ghal dawn ix-xoghlijiet riparatorji, jiena kont ippreparat li l-ghada stess nibghatilhom in-nies biex jaghmlu x-xoghlijiet rimedjali. Ghall-ewwel Paul Gatt, is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill, kien qalli "imbaghad nghidlek". Sussegwentement regghu kelmuni izda l-Kunsill irrifjuta li jhallas ghax-xoghlijiet riparatorji u allura jiena ma bghatt lil hadd biex jaghmel dan ix-xoghol*[13]*.*

Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li *l-appaltatur ghandu jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol <u>ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti</u>. F'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jwiegeb ghad-difetti li jigu 'l quddiem, izda galadarba huwa accetta li jahdem ix-xoghol dejjem*

[13] Fol. 30 sa' 31 tal-process.

*jibqa' obbligat u responsabbli li jaghti lill-appaltant opera sodisfacenti u spondet peritiam artis u hu obbligat jirrezisti kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent; u ghalhekk mhux legalment validu l-argument li x-xoghol ma sarx sewwa ghax hu ghamlu kif riedu l-kommittent*[14].

Fid-dawl ta' dawn il-principji guridici jirrizulta immedjatament evidenti li huwa ghal kollox inutili ghas-socjetà attrici li tipprova tiggustifika d-difetti li rrizultaw fir-*rubber shock pad* minnha provduta w installata fil-*playing field* tan-Naxxar billi tixhet ir-responsabilità ta' dak li gara fuq il-Kunsill konvenut li, skont hi insista maghha biex il-materjal jitwahhal u l-ispazju bejn il-gonot jintela' bis-*sealer*. La fil-fehma teknika taghha dan ma kellux isir hi kellha tirrezisti l-intromissjoni tal-Kunsill konvenut u mhux tesegwixxi x-xoghol kif ried hu *pur sapendo* li dan kien se jikkrea difetti fir-rizultat ahhari. Ladarba ghazlet li tissottometti ghall-pressjoni tal-Kunsill konvenut, ghandha issa tirrispondi ghad-difetti li rrizultaw fix-xoghol esegwit minnha.

Madanakollu però, il-Qorti ma hijiex tal-fehma li s-socjetà attrici ma hi intitolata ghal ebda hlas, kif invece donnu jippretendi l-Kunsill konvenut u dana ghal zewg ragunijiet: (i) ma jirrizultax li d-difetti fir-*rubber shock pad* huma tali li jirrenduha mhux adattata ghall-post fejn giet installata; u (ii) il-Kunsill konvenut zamm din ir-*rubber shock pad* u issa ilha installata fil-*playing field* tan-Naxxar kwazi hames snin (minn Marzu ta' l-2007 u mhux Marzu ta' l-2008 kif erronejament indikat minn Paul Gatt fl-affidavit tieghu), tul liema zmien baqghet tintuza regolarment.

Il-Perit Pierre Poulton xehed illi *wara l-ewwel inspection li jiena kont ghamilt fl-2007 kont ghamilt is-suggeriment tieghi dwar ix-xoghlijiet li kellhom isiru biex jitrangaw il-problemi li kien hemm. Sussegwentement kont ergajt ghamilt spezzjoni ohra fl-2008 u hawnhekk mill-gdid kont gbidt l-attenzjoni dwar xi areas li fl-opinjoni tieghi kellhom bzonn further intervention izda jiena nahseb li din*

[14] Carmelo sive Charles Francica et v. Lawrence Buhagiar et, Citaz. Nru. 459/98 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' April 2004. Sottolinear ta' din il-Qorti.

*imbaghad ma saritx. Jiena kont mort nispezzjona dawn ix-xoghlijiet madwar sitt darbiet. L-ahhar darba li kont mort kien fl-2008 presso poco fil-perjodu li jiena kont bghatt l-email lil Paul Gatt. Meta jiena kont mort f'Gunju 2008 kont rajt li certa gaps kienu kibru, allura jiena ridt li l-materjal jitwahhal ahjar fil-gnubijiet biex certament ma jiccaqlaqx. Jiena ma kontx totalment sodisfatt mir-remedial works ghax ghal xi raguni f'certa areas ma sarx sew u allura l-problemi baqghu hemm. Ix-xoghol originali fejn twahhal it-tapit kien sar fil-bidu ta' l-2007, illum dan l-istess tapit tal-lastiku ghadu fil-post. Dana jintuza regolarment u l-hin kollu. Jiena nikkonferma li fil-gnien in kwisjoni jkun hemm hafna nies partikolarment tfal*[15].

Minn din ix-xhieda l-Qorti tikkonkludi li d-difetti li rrizultaw fir-*rubber shock pad* ma humiex tali li, kif eccepit mill-Kunsill konvenut bl-ewwel eccezzjoni tieghu, jirrendu l-istess *rubber shock pad* mhux adattata ghall-post fejn giet installata. Kieku din ir-*rubber shock pad* kienet hekk mhux adattata ghall-post fejn twahhlet il-Kunsill konvenut zgur ma kienx ihalliha fil-post u tintuza regolarment ghal kwazi hames snin shah, izda certament kien jiehu dawk il-mizuri necessarji biex materjal li kif twahhal huwa allegatament perikoluz ghat-tfal li jiffrekwentaw il-*playing field,* jigi mibdul jew ta' l-inqas imsewwi kif suppost.

Il-fatt li l-Kunsill konvenut zamm ir-*rubber shock pad* provduta w installata mis-socjetà attrici u baqa' jaghmel uzu minnha tul is-snin, serjament jimpingi fuq il-posizzjoni minnu adottata li ma jhallasx lis-socjetà attrici. Jekk ghall-Kunsill konvenut ir-*rubber shock pad* provduta w installata mis-socjetà attrici verament ma kenitx accettabbli, huwa kellu wahda minn zewg alternattivi: jew jirrifjuta il-matjeral u xoghol ta' tqeghid kif esegwit mis-socjetà attrici u jitolbha ghar-refuzjoni tad-danni li huwa seta' sofra b'konsegwenza ta' tali materjal u xoghol hazin, jew inkella jaccetta r-*rubber shock pad* kif installata u jitlob tnaqqis fil-prezz, liema tnaqqis ikun jirrapprezenta dik il-parti tax-xoghol li ma giex esegwit skond is-sengha u l-arti. Zgur però li l-Kunsill konvenut ma jistax jaccetta r-*rubber shock*

[15] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Gunju 2010, fol. 23 sa' 27 tal-process.

*pad* kif installata u jaghmel uzu minnha u fl-istess waqt jippretendi li ma jhallasx lis-socjetà attrici. La ghazel li jzomm ir-*rubber shock pad* kif installata u jaghmel uzu minnha, huwa ghandu jhallas lis-socjetà attrici ghall-materjal provdut u xoghol esegwit[16], dana però dejjem fid-dawl tal-fatt li effettivament irrizultaw difetti minhabba l-mod kif giet installata r-*rubber shock pad*.

Kif osservat fis-sentenza fl-ismijiet **George Sladden v. Lonza Agius, Citaz. Nru. 1584/95** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 2003, *kif pacifikament akkolt f'bosta sentenzi, jekk jirrizulta li x-xoghol ma jkunx kompletat u sewwa, l-appaltatur ma jkollux dritt ghall-ebda parti mill-hlas jekk id-difetti rizultanti jeffettwaw il-kwazi generalità tax-xoghol intraprez mill-attur … u l-konvenut ikollu dritt, f'sitwazzjoni simili, jopponi l-"exceptio non rite adempleti contractus" ghad-domanda li ssirlu ghall-hlas ... Dan normalment jissucciedi fejn ikun jirrizulta li x-xoghol ezegwit ikun affett minn vizzji sostanzjali li jipprivaw il-haga mill-iskop jew mill-utilità taghha, b'mod li ma tibqax tikkorrispondi ghad-destinazzjoni proposta mill-kommittent jew indikata min-natura stess tax-xoghol.* Meta invece *n-nuqqasijiet ma jigux definiti bhala sostanzjali l-appaltatur ma jitqiesx inadempjenti però jibqa' obbligat jew li jirripara u jaghmel tajjeb ghad-difett jew li jaccetta riduzzjoni*[17].

Meta dawn il-principji guridici jigu applikati ghall-kaz in ezami jirrizulta li s-socjetà attrici ma tistax titqies bhala inadempjenti u b'hekk mhux intitolata ghal ebda hlas, izda xorta tibqa' obbligata jew li tirripara u taghmel tajjeb ghad-difetti jew li taccetta riduzzjoni. Fil-fehma tal-Qorti però fil-kaz in ezami l-alternattiva tar-riparazzjoni tad-difetti ma hijiex fattibbli u dan ghar-raguni li ormai r-*rubber shock pad* in kwistjoni ilu installat u konsegwentement jigi utilizzat ghal kwazi hames snin shah u fi kwalunkwe kaz il-Kunsill konvenut difficilment ikun dispost jaccetta kwalunkwe tip ta' xoghol rimedjali u riparatorju li tista' tesegwixxi s-socjetà attrici meta l-Perit tieghu stess jibqa'

---

[16] Perit Arkitett u Inginier Civili Frank Giordmaina Medici noe v. Pio Camilleri, Citaz. Nru. 840/93 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2003 u Anthony Buhagiar pro et noe v. Edward Scerri, Citaz. Nru. 528/89, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Marzu 2001.
[17] Sottolinear ta' din il-Qorti.

bir-riservi fir-rigward tal-materjal in kwistjoni. B'hekk l-unika soluzzjoni gusta ghall-vertenza odjerna hi dik li s-socjetà attrici taccetta riduzzjoni fis-somma minnha pretiza bhala hlas ghall-materjal provdut u installat fil-*playing field* tan-Naxxar fuq inkarigu tal-Kunsill konvenut.

Mill-provi prodotti però ma jirrizultax b'mod sodisfacenti b'kemm ghandha titnaqqas is-somma pretiza mis-socjetà attrici minhabba d-difetti fir-*rubber shock pad* in kwistjoni u dana ghaliex ma gietx prodotta prova konkreta dwar kemm kejl minn din ir-*rubber shock pad* baqa' mhux sodisfacenti ghall-Kunsill konvenut. L-unika prova li tressqet f'dan ir-rigward hija x-xhieda tal-Perit Pierre Poulton li minnha però jirrizulta biss is-segwenti: *x-xoghol finali li fl-opinjoni tieghi baqa' mhux sodisfacenti kien madwar zi ghoxrin maduma minn dan it-tapit tal-lastiku però rrid nghid li dawn il-partijiet ta' dan it-tapit mhumiex standard size ghalkemm qed tintuza l-kelma maduma. Hemm partijiet fejn huma kbar u hemm partijiet ohra fejn huma zghar ghax kellhom jinqatghu biex jiffittjaw*[18].

Fil-fehma tal-Qorti l-ammont li ghandu jitnaqqas mis-somma pretiza mis-socjetà attrici ghall-materjal minnha provdut u installat fil-*playing field* Toni Vella f'Labour Avenue, Naxxar, jista' jigi likwidat biss bl-intervent ta' Perit Tekniku minnha debitament nominat, li ghandu jaccedi fil-*playing field* in kwistjoni ghall-fini li jistabilixxi x'proporzjoni mix-xoghol totali jirrapprezentaw l-ghoxrin maduma li skond il-Perit Pierre Poulton baqghu mhux sodisfacenti ghalih u ghall-Kunsill konvenut u konsegwentement jillikwida dik is-somma li ghandha titnaqqas mill-ammont ta' €4,586 pretiz mis-socjetà attrici.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti, filwaqt li tichad it-tieni eccezzjoni tal-Kunsill konvenut u tilqa' in parte l-ewwel eccezzjoni minnu sollevata, tissosspendi l-prolazzjoni tas-sentenza dwar it-talba ghall-hlas da parte tas-socjetà attrici u tirriserva li tipprovdi b'mod definittiv dwarha wara li tigi likwidata mill-Perit Tekniku minnha mahtur iktar 'l quddiem f'din is-sentenza, dik is-somma li, fid-dawl tad-

[18] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Gunju 2010, fol. 23 sa' 27 tal-process.

difetti li rrizultaw fir-*rubber shock pad* provduta w installata mis-socjetà attrici fil-*playing field* Toni Vella, Labour Avenue, Naxxar, ghandha titnaqqas mill-ammont ta' €4,586 pretiz mis-socjetà attrici.

Ghal dan il-fini l-Qorti tinnomina, a spejjez provvizorji tas-socjetà attrici, lill-Perit Alan Saliba, li ghandu jaccedi fil-*playing field* Toni Vella, Labour Avenue, Naxxar, biex jistabilixxi x'proporzjoni mix-xoghol totali jirrapprezentaw l-ghoxrin maduma li skond il-Perit Pierre Poulton baqghu mhux sodisfacenti ghalih u ghall-Kunsill konvenut, u konsegwentement ghandu jillikwida dik is-somma li ghandha titnaqqas mill-ammont ta' €4,586 pretiz mis-socjetà attrici.

L-ispejjez relattivi ghall-kaz jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

Kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata lill-Perit Alan Saliba.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------